# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Joseph Mallia)

Vs

Ruth Rouatbi

Illum 29 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Ruth Rouatbi** 35 sena bint Alfred Sciberras u Anna nee' Vella mwielda Pieta' fit-30/11/1988 residenti gewwa 115, 'Birguma Heights', Blk A, Flat 15, Triq Andrea Debono, Naxxar detentrici tal-karta tal-identita' numru 549988 M akkuzata talli nhar is-17 ta' Ottubru, 2023 ghal habta ta' 16:20hrs gewwa Triq San Mark Naxxar

1. Bl-imġieba tieghek, ikkagunajt lil Angelo Zarb, biza li se tintuża vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti,dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha.
2. Aktar talli gibt ruhhek b' tali mod li tajt fastidju lil Angelo Zarb u b' mod li kont taf jew missek li kont taf li dak li ghamilt kien ta' fastidju ghal istess Angelo Zarb.
3. Aktar talli bhala persuna li kellek xi kelb taht il-kontroll tieghek, hallejt lil dak il-kelb jiggerra f' xi triq jew f' post iehor pubbliku, minghajr ma kellek kontroll tieghu jew minghajr ma zammejtu b' cinga.
4. Aktar talli sewwist lil kelb tieghek sabiex jaghmel ghal xi hadd jew ma ffitixtx li zzomm l-imsemmi kelb meta kien qed idejjaq lil xi hadd.

5. Aktar talli bhala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' perikolu ghan-nies inqast li zzomm dan il-kelb taht kontroll
6. Aktar talli bhala persuna jekk kont taf jew jekk taf li l-kelb li kien taht kontroll tieghek huwa temperementali jew perikoluz jew jista' jwegga lil xi persuna, inti ghandek tara li l-kelb jinlibes sarima f' kull hin, f' kull post jew area.
7. Aktar talli bhala persuna inti ikkommettejt kontravenzjoni billi fit-triq jew fi pjazez, iggilit jew irraggajt ma' haddiehor, ghalkemm b' loghob, b' mod li stajt iddejjaq jew ghamilt hsara lil min ikun ghaddej.
8. Aktar talli ghamilt ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kont ipprovokat,ingurjajt b' mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
9. U aktar talli volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubbliku b' ghajjat u storbju.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Angelo Zarb skont l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' distruzzjoni tal-kelb u dan ghas-spejjez ta' sid jew detentur ta' l-imsemmi kelb skont l-Artikolu 14 tal-Kapitolu tal-Att dwar il-Klieb.

Rat ir-rikors kongunt tal-imputata u l-parte civile datat 29 ta' Frar, 2024 sabiex din il-kawza u l-kawza kontra l-*parte civile* Angelo Zarb jinstemghu f' daqqa peress li fuq l-istess mertu.

Semghet ix-xhiedha ta' Olaf Gauci; ta' Ruth Rouatbi u ta' Angelo Zarb fis-seduta tal-4 ta' April 2024;

Rat li l-partijiet ghalqu l-provi fis-seduta tal-4 ta' April, 2024;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-Art.251B(1), Art. 251A(1)(a)(b) tal-Kap. 9, Reg 3(1) tal-L.S.312.01, Art. 339(1)(g) tal-Kap. 9, Art 14(1) tal-Kap. 312, Reg. 3(2) tal-L.S. 312.01, Art. 338(r), Art. 339(1)(e), Art. 338(dd) tal-Kap.9

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

**Olaf Gauci,** rapprezentant tal-Animal Welfare xehed fis-seduta tal-4 ta' April, 2024. Jikkonferma li l-kelb bin-numru ta' microchip 788269100022182 huwa registrat fuq Ruth Rouatbi 549988M, tar-razza cane corso, kulur black white. registration date 167/2023 bl-isem Tosca. Dan jirrizulta mid-dokument ezebit mix-xhud immarkat Dok. OG

**Ruth Rouatbi**, xehedet fis-seduta tal-4 ta' April, 2024. Tixhed li fis-17 ta' Ottubru, 2023 madwar l-4.20 lejn Birguma fi Triq San Mark fejn toqghod *" hrigt mal-kelba kont ghadni ha ninzel it-tarag u habba li l-kelba hija puppy thobb tilghab active hafna rajt lis-sinjur għaddej Angelo Zarb."*

Tghid li kienet fuq it-tarag ghal fuq il-bankina u kienet qed izzomm lil kelb li kien fuq ic-cinga mill-kullar sakemm ghadda u kompliet miexja ghal girja mal-kelba.

Tkompli tixhed u tghid

"Xhud: Ha mmur pass lura sewwa skużani malli żammejt il-kelba just qed nistennih biex jgħaddi dar lejja joffendini foxx il-klieb foxx kemm ghandek jiena ghedt xi ħaġa bħal, ghedt dan bis-serjetà qalli go back to your country. Għalkemm ahna konna qed nitkellmu bil-malti u kien b'mod vera eċċessiv li jiena vera tħawwadt ma stajtx nifhem x'kien l-aġir għaliex qed jaġixxi b' dan il-mod? Forsi bniedem li hemm ma nafx taqbiżlu ta' spiss u biex l-unika ħaġa li ħassejtni nistgħu nipproteġi ruħi biha kienet il-mowbajl għadt allaħares qatt jinqala' xi ħaġa jkolli filmat li fil-fatt hekk ġara."

Il-filmat fuq il-mobile gie ezebit.

Wara li hadet il-filmat Angelo Zarb rega' hareg u waqt li kienet qed tkellem lil operatur beda' jghajjarraha giddieba. Gew il-pulizija mil-RIU u wiehed

minnhom zamielha l-kelb ghax kienet ippanikjata. Qalulha tmur taghmel rapport lil pulizija l-Ghassa tan-Naxxar.

Taghraf lil Angelo Zarb fl-awla. Lis-Sur Zarb ma kienitx tafu u qatt ma kellmitu qabel.

Tezebixxi sett ta' dokumenti, ittra mit-trainer tal-klieb Robert Spiteri. (Dok RR1), logbbok ta' meta ċ-ċertifikat tal-kelba li għaddiet mit-training. Tezebixxi ukoll Screenshots li hadet hi li l-kelba kienet fuq ic-cinga. L-iscreenhots huma mill-video li hadet u li huwa ezebit.

**Angelo Zarb**, xehed fis-seduta tal ta' April 2024. Jixhed

| | |
|---|---|
| "Avu: | Mela jiena mistoqsija wahda, rajna l-video rajnieh issa spjegalna ftit inti x'ġara qabel il-video u wara dan il-video? |
| Xhud: | Il-vidjo ġibditu wara xi 3 minutes walk għax meta jien ġejt biex kont miexi fuq il-bankina u ha niffejsja lilha kien hemm il-kelb u tar ghall fuqi." |

Mistoqsi x' tip ta' kelb u dwar x' gara jixhed hekk:-

| | |
|---|---|
| "Xhud: | Mhux zghir ma nafx xìnhuma. U gej biex jghola mieghi u meta gej biex jghola mieghi u jien nibza minnhom u tieni nett ihammigni u mort wara l-karozza u nsibha qed tidhaq bija u harqitni u ghedtilha zewg kelmiet u bqajt sejjer u din baqet tiffolowjani umbaghad hadet l-film umbaghad keccejtha fil-film dehret ħallini bi kwieti għandi dritt noqgħod bi kwieti jien fuq il-bankina. |

Avu: Issa inti spjegalna ftit mela baqet tigri warajk  qabel dawn l-affarijiet, il-kelb beżżak issa x'kellu kif beżgħak daqshekk dan il-kelb spjegalna għaliex?

Xhud: Għax filli miexi fuq il-bankina filli jogħla fuq saqajh ta' wara biex jiġi miegħi jiena dan jekk jigdimni jien dijabete ħa joqtolni mija fil-mija u 2 jien ma rridux ihammigni."

Mistoqsi ghalfejn deher irrabbjat fil-filmat ezebit jirrispondi

"Xhud: Sakemm tkellimna l-ewwel darba li kien ħa jigdimni il-kelb għaddieli kollox jien imma ma kontx naf li ġejja warajha meta wasalt fid-dar tiegħi insibha bil-filmat ghalekk ghedtilha hallini bi kwieti, jien kuljum immur nimxi xħambih dal-problemi mġhandix problemi, Imbagħad kont dieħel id-dar u reġgħet ġiet warajja u tliet darbiet pprova jattakkani mela jiena xi biċċa laħam."

In kontro-ezami jirrizpondi li l-kelb ried jaghla mieghu darba u u it-tieni darba beda jiġbed iċ-ċinga biex jigi jigdmu.

Jichad li heddida u offendieha. Jghid li kien qed jiddefendi lilu nnifsu.

Ikkunsidrat

Fil-qosor l-akkadut sehh il-17 ta' Ottubru 2023 ghal habta ta' 16:20 hrs gewwa Triq San Mark, Naxxar. L-imputata kienet hierga mid-dar bil-kelb taghha fil-hin li kien ghaddej l-parte civile quddiem it-tarag taghha fuq il-bankina. Ftit minuti kien hemm inkontru iehor bejn il-partijiet u l-kelb tela pprova jitla' ghal fuq il-parte civile. Sussegwentement l-imputata mxiet wara l-parte civile u gibdet video Fil-video ezebit jinstemaw kemm l-imputata kif ukoll il-parte civile.

Ikkunsidrat

Dwar l-ewwel imputazzjoni

L-imputata giet akkuzata li bl-imġieba tieghek, ikkagunajt lil Angelo Zarb, biza li se tintuża vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti,dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha.

Illi l-incident li ta' lok ghal dawn il-proceduri kien incident ta' darba. Illi mill-provi ma jirrizultax li kien hemm *'course of conduct'* minn naha tal-imputata fil-konfont tal-*parte civile* u l-anqas ma jirrizulta mill-provi li l-ingieba taghha kien tali li setgha jikkaguna biza li ser tintuza vjolenza kontra l-imputat.

Ikkunsidrat

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputazzjoni giet akkuzata talli gibt ruhhek b' tali mod li tajt fastidju lil Angelo Zarb u b' mod li kont taf jew missek li kont taf li dak li ghamilt kien ta' fastidju ghal istess Angelo Zarb.

Illi dwar ir-reat tal-fastidju il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis- sentenza Il-Pulizija vs Joseph Brincat [1]qalet illi:-

> "Illi l-qrati taghna miz-zmien tal-promulgazzjoni tar-reat tal-hekk ismejjah 'harassement' interpretaw id-disposizzjoni ta'l-artikolu 251A bhala dak ir-reat li irid isarraf f'imgieba persistenti u abitwali u li jista' jikkaguna allarm, biza, dwejjaq jew stress fuq il-vittma, dejjem tenut kont tar-retroxxena ta' kull kaz individwali. Dan ghaliex l-artikolu 251A jissanzjona "Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f' dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni inġusta" [Il-Pulizija vs Paul Attard – App. Krim 27/09/2007]"

[1] Il-Pulizija vs Joseph Brincat, Qorti tal-Appell, 14 ta' Diċembru 2017 (Appell Nru 273/2017)

Illi mill-provi prodotti l-Qorti tqis li dan il-kaz kien incident ta' darba, il-partijiet fil-kawza ma kellhomx konxxjenza ta' xulxin qabel dan l-akkadut u ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti din l-akkuza ma tirrizultax.

Ikkunsidrat,

<u>Dwar it-tielet imputazzjoni</u>

L-imputata hija akkuzata talli bhala persuna li kellek xi kelb taht il-kontroll tieghek, hallejt lil dak il-kelb jiggerra f' xi triq jew f' post iehor pubbliku, minghajr ma kellek kontroll tieghu jew minghajr ma zammejtu b' cinga. (reg 3(1), L.S. 312.01)

Illi mix-xhieda ma jirrizultax li l-kelb kien qed jiggerra barra jew li ma kienx qed jinzamm b' cinga.

<u>Dwar ir-raba' imputazzjoni</u>

L-imputata giet akkuzata talli sewwist lil kelb tieghek sabiex jaghmel ghal xi hadd jew ma ffitixtx li zzomm l-imsemmi kelb meta kien qed idejjaq lil xi hadd.

Illi fil-waqt li ma jirrizultax li l-kelb gie imseewwes, l-imputata ma ffictix li zzomm l-kelb milli jdejjaq lil parte civile. Kif xehed il-parte civile Angelo Zarb

"Avu: Issa inti spjegalna ftit mela baqet tigri warajk qabel dawn l-affarijiet, il-kelb beżżak issa x'kellu kif beżgħak daqshekk dan il-kelb spjegalna għaliex?

Xhud: Għax filli miexi fuq il-bankina filli jogħla fuq saqajh ta' wara biex jiġi miegħi jiena dan jekk jigdimni jien dijabete ħa joqtolni mija fil-mija u 2 jien ma rridux ihammigni."

L-imputata kienet taf li l-*parte civile* ma riedx il-kelb jersaq lejh ghaliex ftit tal-minuti qabel kien diga' esprima ruhu li ma ghandux pjacir bil-kelb hdejh. Kienet

responsabilta' tal-imputata li ma tigiex f' sitwazzjoni fejn il-kelb jista' jdejjaq lil parte civile, kif fil-fatt ghamel meta fit-tieni inkontru tela' ghalieh. Din l-imputazzjoni giet ipprovata.

Illi a skans ta' kull ekwivoku l-Qorti ma hijiex ser tilqa' t-talba tal-prosekuzzjoni li l-kelb jigi distrutt u dan ghas-spejjez ta' sid jew detentur ta' l-imsemmi kelb skont l-Artikolu 14 tal-Kapitolu tal-Att dwar il-Klieb.

Il-hames imputazzjoni.

L-imputata hija akkuzata aktar talli bhala sid jew detentur ta' kelb li kien ta' perikolu ghan-nies inqast li zzomm dan il-kelb taht kontroll.

Illi l-Qorti tikkunsidra li ma jirrizultax li l-kelb kien ta' perikolu ghan-nies. Illi dan huwa konfermat ukoll mid-dokument rilaxxat minn Robert Spiteri ta' Malta Dog Training Services datata 3 ta' April 2024. Jirrizulta ukoll li l-kelba ghamlet ukoll sociability u training test.

Is-sitt imputazzjoni

L-imputata hija akkuzata aktar talli bhala persuna jekk kont taf jew jekk taf li l-kelb li kien taht kontroll tieghek huwa temperementali jew perikoluz jew jista' jwegga lil xi persuna, inti ghandek tara li l-kelb jinlibes sarima f' kull hin, f' kull post jew area.

Illi l-anqas din l-imputazzjoni ma tirrizulta. Ma jirrizultax li l-kelb huwa temerementi jew perikoluz.

Is-seba' imputazzjoni

L-imputata hija akkuzata talli bhala persuna inti ikkommettejt kontravenzjoni billi fit-triq jew fi pjazez, iggilit jew irraggajt ma' haddiehor, ghalkemm b' loghob, b' mod li stajt iddejjaq jew ghamilt hsara lil min ikun ghaddej.

Illi l-imputata bl-agir taghha ipprovokat lil parte civile li kien car li ma kienx kuntent li l-kelb jersaq lejh u kien qed jibza' minnu .. Kienet ir-responsabilta' tal-intimata li kienet taf b' dan li ma tressaqx il-kelb lejn il-parte civile dan setghet facilment taghmlu billi tmur in-naha l-ohra tat-triq.

Illi din l-imputazzjoni giet ipprovata.

It-tmiem imputazzjoni

Aktar talli ghamilt ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali jew, jekk kont ipprovokat,ingurjajt b' mod li hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Illi l-imputata bl-agir taghha stess meta wara li l-parte civile dahal id-dar baqghet tghajjatlu waqt li kienet qed tigbed il-video li ezebiet hija stess harget barra l-limiti tal-provokazzjoni. Din l-imputazzjoni giet ipprovata.

Id-disa' imputazzjoni

l-imputata hija akkuzata talli volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paci pubbliku b' ghajjat u storbju. Illi din l-imputazzjoni ma gietx ipprovata.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli Rat l-Art.251B(1), Art. 251A(1)(a)(b) tal-Kap. 9, Reg 3(1) tal-L.S.312.01, Art. 339(1)(g) tal-Kap. 9, Art 14(1) tal-Kap. 312, Reg. 3(2) tal-L.S. 312.01, Art. 338(r), Art. 339(1)(e), Art. 338(dd) tal-Kap.9, qed issib lil imputata Ruth Rouatbi hatja tar-raba', is-sebgha u t-tmien imputazzjoni u tilliberaha mil-bqija u qed tikkundannaha komplessivament ghal tlett mitt euro (300) multa

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**